

# il-hajja ta' kristu gesu'

## 20. MATTEW IL-PUBLIKAN JSIR DIXXIPLU TA' KRISTU

**Matt. 9:9-13; Mark 2:14-17; Luqa 5:27-32**

Fi zmien Kristu, kien kemm klassi ta' Lhud li l-poplu kien jiddisprezza ghal ahhar. Il-publikani jew ahjar il-kolletturi tat-taxxi kif kienu maghrufin dawn in-nies kienu jahdmu ghar-Rumani u minhabba f'hekk il-poplu kien ihares lejhom bl-ikrah hafna.

Il-lhud kienu jobghodu il-gvern ruman ghaliex huma xtaqu li fuqhom jahkem bniedem Lhudi u mhux barrani. Kienu jistennew bil-herqa dak iz-zmien li tasal is-saltna t'Alla. Huma kienu kburin li kienu l-poplu t'Alla u li Alla jqanqal minn genshom imperu ta' setgha fid-dinja kollha. Ghalhekk kull Lhudi li kien habib mar-Rumani kienu jqisuh bhala bniedem li ma hux leali lejn in-nazzjoni tieghu.

Ghal hafna snin kienu jemmnu li Alla ser jibghatilhom sultan li jehlishom mill-hakma tal-barrani. Huma qatt ma fehmu li dak li kitbu l-profeti fuq Kristu kien li Gesu' ser jehlishom mill-akbar ghadu taghhom, Satana.. Jidhru li nsew li aktar kellhom bzonn helsien mid-dnub li kien jassarhom, milli mill-hakma barranija.

Dawk li kienu hbieb tar-Rumani u jahdmu ghalihom kienu jsejhulhom pubblikani. Kienu jigbru t-taxxi mill-poplu ghan-nom tar-Rumani u xi drabi kienu jabbuzaw mill-poteri taghhom u jigbru aktar milli kien imisshom. Ghalhekk kienu meqjusa bhala hallelin. Malajr kienu jsiru sinjuri. Il-poplu kien jobghodhom u jzommhom bhala midimba.

Mhux il-pubblikani kollha kienu jisirqu billi jitolbu aktar milli kien imisshom, izda minhabba li hafna kienu jaghmlu hekk, il-Lhud kienu jitfghu lil kulhadd f'keffa wahda. Ghalihom kull pubblikan kien bniedem xellerat u hazin.

Jum wiehed meta Gesu' kien ghaddej mit-trieq ta' Kararnaw lemah wiehed jismu Mattew bilqieghda jigbor it-taxxi. Ghalkemm Mattew kien pubblikan u l-Lhud kienu kollha jiddiprezzawhom, Gesu' ra li qalb dan il-bniedem kienet sinciera u minnu ried jaghmel dixxipli tajjeb. Sejjahlu biex jimxi warajh u Mattew halla kollox biex laqa' l-istedina ta' Kristu.



Mattew nsejjah ukoll Levi ghaliex kultant il-Lhud kien ikollhom zewg ismijiet.  Kien ferhan li qed jimxi wara Gesu' u dak il-ferh ried jaqsmu ma' hbiebu taz-zminijiet l-ohra.  Ghalhekk huwa ghamel ikla u sejjah lil hbiebu l-pubblikani. Il-farizej u l-iskribi rawhom dehlin dawn in-nies ghand Mattew il-Pubblikan. Din kienet okazzjoni biex l-lhud jattakka lil Kristu li mar jiekol mal-pubblikani u l-midimbin. Il-kurzita' hakmithom biex isiru jafu ghaliex l-imghallem Gesu' kien qed jimxi b'dan il-mod. Allura huma resqu lejn id-dixxipli ta' Kristu u staqsewhom:  "Kif inhi din li l-Imghallem taghkom jiekol u jixrob mal-publikani u l-midimbin?"

Gesu' li sema din il-kritika wegibhom: " Mhux in-nies f'sahhithom ghandhom bzonn it-tabib izda dawk li huma morda. Jiena ma gejtx nsejjah lit-tajbin izda li midimba ghal-indiema."

Mattew il-publikan kien strument utili hafna ghal Alla. Kien hu li kiteb il-Vangelu skond Mattew, fit-Testment il-Gdid. Fil-kitba tieghu hallilna bosta taghlim li qal Gesu'

## RIFLESSJONI

L-Mulej ġie biex iressaq lill-bnedmin kollha lejh, anke lil min jagħmel il-ħażin. Il-Mulej hu t-tabib ta' ruhna. " Mhux in-nies f'sahhithom ghandhom bzonn it-tabib izda dawk li huma morda. Jiena ma gejtx nsejjah lit-tajbin izda li midimba ghal-indiema."  Il-hasra hija li mhux kollha jwiegbu ghas-sejha tieghu. Ix-xitan

isoddilhom widnejhom biex ma’ jisimghux l-istedina tieghu.  Nimxu wara l-istandard tal-Mulej bhalma ghamel Mattew. Halla kollox u mar wara Kristu ghax zgur li gharaf li l-akkwist ta’ Kristu huwa l-aqwa tezor, bil-wisq aqwa mill-flus li kellu quddiemu.